**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000040/2023**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura
**Susana Solís Pérez** (Renew), **Nicolás González Casares** (S&D), **Dolors Montserrat** (PPE), **Peter Liese** (PPE), **Tiemo Wölken** (S&D), **Sara Cerdas** (S&D), **Ondřej Knotek** (Renew), **Bartosz Arłukowicz** (PPE), **César Luena** (S&D), **Juan Ignacio Zoido Álvarez** (PPE), **Francisco José Millán Mon** (PPE), **José Manuel García-Margallo y Marfil** (PPE), **Billy Kelleher** (Renew), **Kosma Złotowski** (ECR), **Kateřina Konečná** (The Left), **Lina Gálvez Muñoz** (S&D), **Nathalie Colin-Oesterlé** (PPE), **Karen Melchior** (Renew), **Carlos Zorrinho** (S&D), **Patrizia Toia** (S&D), **Beatrice Covassi** (S&D), **Jarosław Kalinowski** (PPE), **Christophe Clergeau** (S&D), **María Soraya Rodríguez Ramos** (Renew), **Clara Aguilera** (S&D), **Pablo Arias Echeverría** (PPE), **Rosa Estaràs Ferragut** (PPE), **Leopoldo López Gil** (PPE), **Alin Mituța** (Renew), **Antonio López-Istúriz White** (PPE), **Elżbieta Katarzyna Łukacijewska** (PPE), **Gabriel Mato** (PPE), **Ivan Štefanec** (PPE), **Angelika Niebler** (PPE), **Andrzej Halicki** (PPE), **Maria da Graça Carvalho** (PPE), **Magdalena Adamowicz** (PPE), **Jarosław Duda** (PPE), **Adam Jarubas** (PPE), **Cindy Franssen** (PPE), **Pietro Fiocchi** (ECR), **Adrián Vázquez Lázara** (Renew), **René Repasi** (S&D), **Vlad Gheorghe** (Renew), **Stelios Kympouropoulos** (PPE), **Maria Angela Danzì** (NI), **Olivier Chastel** (Renew), **Nicola Procaccini** (ECR), **Maite Pagazaurtundúa** (Renew), **Ioan-Rareş Bogdan** (PPE), **Eva Maria Poptcheva** (Renew), **Josianne Cutajar** (S&D), **Cyrus Engerer** (S&D), **Marek Paweł Balt** (S&D), **Dan Nica** (S&D), **Inma Rodríguez-Piñero** (S&D), **Carmen Avram** (S&D), **Andrey Kovatchev** (PPE), **Estrella Durá Ferrandis** (S&D), **Ibán García Del Blanco** (S&D), **Kathleen Van Brempt** (S&D), **Javier Zarzalejos** (PPE), **Isabel Benjumea Benjumea** (PPE), **Matjaž Nemec** (S&D), **Cristina Maestre Martín De Almagro** (S&D), **Francesca Peppucci** (PPE), **Izaskun Bilbao Barandica** (Renew), **Romana Jerković** (S&D), **Alex Agius Saliba** (S&D), **Idoia Villanueva Ruiz** (The Left), **Margarita de la Pisa Carrión** (ECR), **Petar Vitanov** (S&D), **István Ujhelyi** (S&D), **Traian Băsescu** (PPE), **Edina Tóth** (NI), **Pilar del Castillo Vera** (PPE), **Nikos Papandreou** (S&D), **Christophe Hansen** (PPE), **Milan Brglez** (S&D), **Catherine Amalric** (Renew), **Tudor Ciuhodaru** (S&D)

Suġġett: In-nuqqasijiet ta' mediċini u awtonomija strateġika fil-kura tas-saħħa fl-UE

Meta titqies l-iskarsezza dejjem tikber ta' mediċini essenzjali u ingredjenti farmaċewtiċi attivi (APIs) fl-UE, ma nistgħux nifhmu n-nuqqas ta' politika ta' appoġġ speċifika għall-produzzjoni tagħhom fl-UE, b'mod partikolari meta jitqiesu l-politiki ta' appoġġ stabbiliti għal setturi ewlenin oħra.

L-UE esperjenzat żieda ta' 60 % fin-notifiki dwar in-nuqqas ta' mediċini bejn l-2017 u l-2019 u s-sitwazzjoni marret għall-agħar fl-2022. Il-kawżi ta' din il-problema huma multipli u kumplessi. Id-dipendenza fuq ftit manifatturi, b'mod partikolari manifatturi fiċ-Ċina u fl-Indja, għandha sservi ta' twissija rigward il-konċentrazzjoni tal-produzzjoni globali, filwaqt li l-kompetittività tal-UE qed tonqos meta mqabbla mal-Istati Uniti u ċ-Ċina.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, huwa essenzjali li niffukaw mhux biss fuq il-mitigazzjoni tan-nuqqasijiet ta' mediċini, iżda wkoll fuq l-implimentazzjoni ta' strateġija preventiva. Id-dokument informali intitolat "Titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-mediċini fl-Ewropa", approvat minn tal-anqas 19-il Stat Membru, jenfasizza dan it-tħassib.

Iż-żamma u ż-żieda kemm tal-kapaċità tal-innovazzjoni kif ukoll tal-produzzjoni interna mhux biss isaħħu r-reżiljenza tal-UE fid-dawl ta' kriżijiet tas-saħħa possibbli iżda wkoll jaċċelleraw l-aċċess għat-trattamenti għall-pazjenti, jagħmlu s-sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u jipprovdu benefiċċji ekonomiċi sinifikanti, filwaqt li jagħtu spinta lill-ekosistema industrijali farmaċewtika Ewropea u jrawmu l-impjiegi.

1. Tista' l-Kummissjoni tesplora l-implimentazzjoni ta' inizjattivi u għodod li, b'mod simili għall-Att dwar il-Materja Prima Kritika[1] u l-Att dwar iċ-Ċipep[2], u li jkunu ffinanzjati b'mod xieraq, ikollhom l-

[1] Il-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (COM(2023)0160).

għan li jagħtu spinta lill-produzzjoni tal-UE ta' mediċini essenzjali, APIs u trattamenti innovattivi, bħal antimikrobiċi ġodda u prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata?

2. Meta titqies il-ħtieġa kruċjali li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u tiġi promossa awtonomija strateġika fil-kura tas-saħħa, il-Kummissjoni se timpenja ruħha li tadotta politika ta' appoġġ robusta matul din il-leġiżlatura? Tali politika tkun allinjata mal-ambizzjonijiet tal-UE, tikkomplementa l-pakkett farmaċewtiku u tagħti s-setgħa lill-Ewropa biex b'mod effettiv tindirizza kriżijiet tas-saħħa futuri, filwaqt li ssaħħaħ il-kura tal-pazjenti u l-pożizzjoni ekonomika tal-UE.

Imressqa: 5.9.2023

Skadenza: 6.12.2023

[2] Il-proposta tal-Kummissjoni tat-8 ta' Frar 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikonduttturi (l-Att dwar iċ-Ċipep) (COM(2022)0046).